**Minuti tat-Tnejn u Tlettin il-laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tnejn, 5 t' Ottubru 2009 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli. Il-Kunsilliera ferrħu lill-Kunsilliera Rita Mifsud fl-okkażżjoni taż-żwieġ tagħha nhar is-Sibt li għadda.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 31 tas-Sitt Kunsill Lokali ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bhala document uffiċċjali.

3. **Torri ta' Sopu.** Wara laqgħa li saret ma' l-Onor Chris Said fejn infurmajnieh li ma naqblux li jsiru xi apparat fuq it-Torri Sopu mill-Kumpanija Vodafone, il-Kunsill ġie nformat li jekk il-Kunsill ma jaqbilx Din l-Art Ħelwa mhux ser tippermetti li dan l-apparat jiġi nstallat fuq it-Torri.

4. **Triq David Cocco Palmeri.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Georgine Grech f'isem Gozo Consolidated Building Contractors Ltd dwar xogħolijiet li saru fi Triq David Cocco Palmeri. Il-Kunsill ikkuntattja lill-Kuntrattur u ġie informat li l-istess leveli nżammu f'din it-triq u mhux suppost li hemm l-ebda problema ta' ilma tax-xita. Barra dan minn meta sar ix-xogħol għamlet ħafna xita u ma wasal l-ebda lment fil-Kunsill.

5. **Barriera ta' Sopu.** Il-Kunsill reġa ddiskuta l-ittra tal-Perit Robert Grech u ra wkoll id-draft ta' ittra li ġiet iformulata mill-Kunsill, iżda Dr. Rita Mifsud talbet biex ma nieħdux deċiżjoni bħalissa sabiex ikollha ċans tara t-Tarif K f'hix tikkonsisti qabel ma nibagħtu risposta.

6. **Ġbir ta' Skart.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kunsilli tal-Qala u Għajnsielem. Kien hemm ftehim li l-offerta ta' ġbir ta' skart tinħaraġ flimkien u li l-ġbir ta' skart għandu jitnaqqas b'ġurnata (fil-ġurnata li jinġabar l-iskart separat). Jista' jkun hemm il-possibilita li fil-futur il-ġbir ta' skart organiku jitnaqqas b'żewġ ġranet. Ġie diskuss ukoll il-ħlas ta' tipping ta' l-iskart organiku, dan ser issir €20 għal kull tonnellata. Il-Kunsill ġie mitlub biex jiddentifika jekk hux ser ikompli jiġbor l-iskart kummerċjali. Il-Kunsilliera qablu li l-iskart organiku mill-ħwienet m'għandux jibqa jinġabar għas-spejjes tal-Kunsill iżda is-sidien għandhom

jiġu mħeġġin jagħmlu s-separazzjoni. Dawn għandhom jiġu avżati li l-Kunsill ser ikompli iħallas l-ispejjes ta' l-iskart separat iżda l-iskart organiku irrid jinġabar minn kuntrattu imqabad minnhom.

7. **Offerti**. Kien preżenti l-Inġinier Renzo Curmi. Hu ġab l-offerta ta' resurfacing ta' Triq Dun Bernard Haber. Din l-offerta ser tinħarġ fil-jiem li ġejjin flimkien ma' offerta għat-tibdil tat-tapiti tal-playing Field tal-Ħali peress li l-Kunsill ngħata €10,000 mill-Urban Improvement Fund fi ħdan il-MEPA għal dan.

8. **Premju Ndaf.** Il-Kunsill tan-Nadur organizza diversi attivitajiet sabiex jieħu sehem fl-Inizjattiva Ndaf. Fost l-attivitajiet kien hemm ħarġa għall-anzjani li kienet tinkludi żjara fis-CA site fix-Xewkija; lecture għaż-żgħażagħ, kompetizzjoni madwar in-Nadur dwar minn jiġbor l-aktar skart u attivita' għat-tfal.

9. **Karnival 2010.** Ser issir laqgħa għall-parteċipanti tal-Karnival nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru fit-8:00 p.m. Is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Assistant Kummissarju tal-Pulizija Neville Aquilina dwar il-Karnival Spontanju. L-Asst. Kummissarju nsista li ma jkunx hemm street party jiġifieri DJ's jew baned fit-toroq barra; li l-karrijiet ma jkunux eżaġerati fil-kobor tagħhom u li ma jkunx hemm bars barra fit-triq. Għandha ssir laqgħa mal-bars mill-pulizija sabiex jiġi spjegat dan.

10. **Korrispondenza.**

(2310) Email mill-Uffiċċjut al-President dwar zjara minn Grupp ta' Nadurin fit-12 ta' Novembru
(2311) Memo 52 –Skema dwar Inizzjattivi Sportivi – 2010
(2312) Memo 53/2009 – Ftuħ tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsilli Lokali nhar ta' Sibt
(2313) Memo 54 – Attivitajiet Mill-Kunsilli Lokali Programm fl-Education 22 u TVM
(2314) Memo 55 Avvi\i Legali Dwar l-Elezzjoni Għall-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
(2315) Memo 56 – Emendi Ghall-Att Dwar Kunsilli Lokali
(2316) Memo 57- Disposal Fees ġodda għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfil
(2317) Memo 58 - Pubblikazzjoni ta' Bye-Laws
(2318) Approvazzjoni mill-ADT ta' diversi sinjali tat-toroq
(2319) Statement of Funds mill-MEPA tal-UIF
(2320) Ittra mis-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien dwar il-Musical tal-Milied
(2321) Ittra mis-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien dwar it-turf artifiċjail
(2322) Acknowledgement mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment dwar it-torri ta' Sopu
(2323) Email mingħand il-KIP dwar it-tariffi tar-rimi ta' skart domestiku
(2324) Ittra minn L-Avukat Georgine Grech f'isem Gozo Consolidated Building Contractors dwar xogħlijiet fi Triq David Cocco Palmeri

11. **Memo Skema dwar Inizzjattivi Sportivi 2010.** Il-Kunsill ser japplika għall din l-iskema biex jagħmel tim tal-basketball u biex jitkopla "Adults on the Move".

12. **Applikazzjoni tal-MEPA.** Il-Kunsill kien għamel oġġezzjoni għall-applikazzjoni numru  PA62132/08 biex jinbena office buildings fi Triq ir-Rabat.  Il-Kunsill ġie informat li ser jinstema il-bord dwar din l-applikazzjoni iżda l-Kunsill ma ġiex nnotifikat.  Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tara għaliex il-Kunsill ma ġiex nnotifikat.

13. **Kor Russo.** Il-Kunsill ġie offrut mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamantari Chris Said biex jagħmel kunċert minn Kor Russo nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru. Il-Kunsill aċċetta li jorganizza dan il-kunċert.  Il-Kunsill għandu jħallas l-ispejjes tat-trasport kif ukoll jagħtihom snacks.  Il-Kunċert ser issir fil-Knisja tal-Qalb ta' Gesu.  Diġa kkuntatjana lil Dun Salv Pace dwar dan il-kunċert.

14. **Gazebos.** Il-Kunsill talab stima biex is-soqfa tal-Gazebos jitranġaw permess ta' saqaf ġodda.  L-istima hija ta' €480 kull waħda.  Il-Kunsill iddeċieda li għal issa jirranġa l-Gazebo tal-Playing Field tal-Ħali.

15. **MUSEUM Subien.** Il-Kunsill irċieva żewġ ittri mingħand is-Superjur tal-MUSEUM tas-Subien.  Hu talab sabiex bħas-snin ta' qabel il-Kunsill jikkollabora mal-MUSEUM sabiex jittella' l-programm tal-Milied.  Il-Kunsilliera qablu li għandhom jgħinu bħas-sena ta' qabel billi jħallas spejjes sa €500 għal din il-għan.  Is-Superjur talab bil-miktub ukoll għajnuna sabiex jiġi mibdul it-turf artifiċjali tal-grawnd tal-MUSEUM.  Il-Kunsilliera kkonfermaw li jgħinu fuq bażi ta' tlett snin billi jagħtu €3000 fis-sena għal tlett snin jekk il-MUSEUM jonfoq €18,000 jew iżjed għal dan it-turf.

16. **Gbir ta' Skart.** Il-Kunsill irċieva email mingħand il-KIP dwar it-tariffi tar-rimi ta' l-iskart domestiku.  Dan telgħa għal €20 kull tunnellata.  Il-Gvern ser jusussidja lill-Kunsill għal din l-ispiza skond in-numru ta' residenti fil-lokal. Għaldaqstant l-istabilimenti kummerċjali mhumiex inklużi f'dan is-sussidju. Il-Kunsill ġie mitlub jinforma lill-kuntrattur, KIP jekk hux ser ikompli iħallas l-ispejjes ta' dawn l-istabilimenti.  Il-Kunsill iddeċieda li ma jkompliex jiġbor skart imħallat tal-istabilimenti kummercjali iżda l-iskart separat jibqa' jinġabar.

17. **Arbli.** Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għall-arblu tal-fiber għall-pjazza peress li l-arblu li hemm huwa maqsum.  Il-Kunsill qabel li jixtri arblu wieħed bil-prezz ta' €455.

18. **Tindif ta' l-uffiċċju.** Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li l-"cleaner" tal-Kunsill mhux titħallas bizzejjed.  Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li dan is-servizz kien ġie magħżul skond "Call for Applications".  Is-Segretarja ser tara dwar dan u jekk mhux qiegħed skond il-liġi l-Kunsill jerġa joħroġ "Call for Applications".

**19.** **Librerija.** Is-Sindku nformat lill-Kunsill li hi ġiet avviċinata mill-librar dwar il-fondi mogħtija lill-Kunsill għall-librerija. Il-librar riedet li tingħata dawn il-fondi kollha biex tixtri kotba bihom. Il-Kunsill ta parti minn dawn il-fondi lill-librar iżda l-komplement ser jintużaw mill-Kunsill għas-siegħat "extra" li qed tinfetaħ il-librerija kif ukoll biex isiru xi attivitajiet inkonnessjoni mal-librerija għat-tfal. Barra min hekk is-Sindku innotat li hemm sett kotba tajbin bil-Malti u li tajjeb ikollna fil-librerija.

**20.** **Jum il-Kunsill.** Is-Sotto Kumitat organizzativ iltaqa' sabiex jorganizza attivitajiet għall-okkazzjoni ta' Jum il-Kunsill. Dan is-Sotto Kumitat issuġġerixxa dawn l-attivitajiet:

- **a)** Ħarġa għall-anzjani f'Malta fejn inżuru l-President ta' Malta nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru
- **b)** Blood drive nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru
- **c)** Sports Day għat tfal il-Ħadd 15 ta' Novembru
- **d)** Quddiesa bis-sehem tal-Kor tal-MUSEUM Subien u Bniet nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru 2009.
- **e)** Wirja ta' Arti fis-sala Joe Tabone li tiftah fit-18 ta' Novembru
- **f)** Premju Gieh in-Nadur fis-Sala Joe Tabone nhar il-Gimgħa 20 ta' Novembru 2009.
- **g)** Joe Tabone Memorial Football Tournament

**21.** **Patching.** Hemm bżonn ta' patching f'passaġġ f'ta' Xħajma. Dan huwa fi stat ħażin ħafna u l-Kunsill għandu jitlob il-Gvern Centrali sabiex jirranġa dan il-passaġġ li jinsab taħt in-naffara. Hemm bżonn patching ukoll f'diversi toroq. Fosthom Triq il-Buskett. Issemma l-bżonn li jiġi rranġat il-konkos ta' quddiem ir-residenza ta' Cosma Said ħdejn il-każin tal-football.

**22.** **Laqgħat.** Ser issir laqgħa mill-Aġenzija Sedqa għall-ġenituri ta' tfal minn Form 2 sas-Sixth Form. Din ser issir fis-Sala Joe Tabone nhar l-Erbgħa fis-1:00 p.m. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa għall-anzjani dwar is-sigurta fid-djar. Il-Kunsilliera qablu ma dawn il-laqgħat.

**23.** **Affarijiet Oħra.** Maria Natoli semmiet il-bżonn ta' Zebra Crossing fil-kantuniera ta' Triq it-Telegrafu ma' Triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija. Inġibed l-attenzjoni li l-ADT ma ndikatx fejn tista' ssir din iz-Zebra Crossing. Maria Natoli semmiet ukoll il-bżonn ta' sinjali sofor fi Triq San Kurunato fejn hemm żewġ farm houses. Charles Said qal li hu ġie mitlub sabiex passaġġ fi Triq it-Tiġrija jiġi miksi bil-konkos.

**19.** **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

8959 Mudell Harware Shop................. 42.80 desk chair



Miriam Portelli, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8960 | Miriam Portelli | 324.98 | Mayors allow. |
| 8961 | Rita Mifsud Attard | 1489.14 | Salary |
| 8962 | Sue Ellen Bugeja | 1047.43 | salary |
| 8963 | CIR | 987.36 | September |
| 8964 | Nathan Portelli | 15.00 | xibka |
| 8965 | Pjazzetta Hardware | 1040.00 | various operating material |
| 8966 | P&J Debono Construction Ltd. | 1007.02 | cement works |
| 8967 | John Ivan Xuereb | 803.19 | sweeping & attendant September |
| 8968 | Joseph Cauchi | 223.00 | Gnien il-Kunsill September |
| 8969 | Carmel Mifsud | 757.28 | hire of equipment |
| 8970 | Saviour Xiberras | 1622.10 | handyman, sweeping & soft areas |
| 8971 | Elizabeth Azzopardi | 48.93 | office cleaning |
| 8972 | Guillaumier Ltd | 95.41 | traffic mirrors |
| 8973 | Ms. Denise Muscat | 100.00 | Art course |
| 8974 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 96.62 | street lighting contract manager |
| 8975 | KIP Ghawdex Ltd. | 2380.64 | refuse collection Sept |
| 8976 | Mary Attard | 85.50 | books for library |
| 8977 | Portelli Print | 104.00 | printing |
| 8978 | Dun Salv Pace | 50.00 | Hire of poles |
| 8979 | JCR Ltd. | 7.13 | paving material |
| 8980 | John Saliba | 120.00 | Imnarja entertainment |
| 8981 | Dominic Dept. Stores Ltd. | 341.13 | benches |
| 8982 | Karen Sultana | 99.45 | public convenience Sept |
| 8983 | Smart Office Supplies Ltd. | 8.00 | stationery |
| 8984 | WasteServ Malta Ltd. | 296.59 | recycling bins |
| 8985 | Gozo Arts | 115.00 | drawers |
| 8986 | Vinyard Restaurant | 235.30 | elderly outing |
| 8987 | Joe Mercieca | 499.96 | Wine Festival securityl |
| 8988 | Joe Mifsud | 66.50 | Tal-Hali playing field |
| 8989 | Gatt Tarmac Ltd. | 1008.14 | patching material |
| 8990 | Peter Paul Said | 932.21 | hire of machinery |
| 8991 | Joe Mifsud | 62.70 | Sept St. Blas Garden |
| 8992 | Maltapost plc | 38.00 | STAMPS |
| 8993 | Nathan Portelli | 15.28 | art supplies |
| 8994 | Denise Muscat | 100.00 | Art Course |
| 8995 | Department of Information | 9.32 | advert |
| 8996 | Segretarju Permanenti OPM * | 50.00 | advert |
| 8997 | Gozo Channel Com Ltd. | 207.67 | Russian choir ferry expenses |
| 8998 | Albert Buttigieg | 20.00 | Talk for parents ferry expenses |
| | **Total** | **20,438.94** | |

Il-laqgħa ntemmet fl-9:45 pm



**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**